

Il-Ġurnal Ufficijali L 338 tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 63

15 ta' Ottubru 2020

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- | | |
|--|---|
| ★ Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/1476 tal-10 ta' Ottubru 2020 li jistabbilixxi l-għeluq tas-sajd għall-alonga tat-Tramuntana fl-Oċeān Atlantiku, fit-Tramuntana ta' 5° N minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Irlanda | 1 |
| ★ Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1477 tal-14 ta' Ottubru 2020 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 fir-rigward tal-estensjoni temporanja ta' miżuri eċċeżżjonali biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi kkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 (¹) | 4 |
| ★ Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1478 tal-14 ta' Ottubru 2020 li jemenda r-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2015/1375 fir-rigward tal-kampjunar, il-metodu ta' skoperta ta' referenza u l-kundizzjonijiet tal-importazzjoni fir-rigward tal-kontroll għat-Trichinella (¹) | 7 |

DEĊIJONIJIET

- | | |
|--|----|
| ★ Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1479 tal-14 ta' Ottubru 2020 li tistabbilixxi listi ta' priorità għall-iżvilupp ta' kodċiċiċi tan-network u ta' linji gwida għall-elettriku għall-perjodu mill-2020 sal-2023 u għall-gass fl-2020 (¹) | 10 |
|--|----|

Rettifika

- | | |
|--|----|
| ★ Rettifika tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/653 tat-8 ta' Marzu 2017 li jiissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar dokumenti bl-informazzjoni ewlenja ġhal prodotti aggregati ta' investimenti għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni (PRIIPs) billi jistabbilixxi standards tekniċi regolatorji dwar il-preżentazzjoni, il-kontenut, ir-rieżami u r-reviżjoni tad-dokumenti bl-informazzjoni ewlenja u l-kundizzjonijiet biex jiġi ssodisfat ir-rekwiżit li jiġu pprovduti dawn id-dokumenti (ĠU L 100, 12.4.2017) | 12 |
|--|----|

(¹) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.



II

(Attie mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1476

tal-10 ta' Ottubru 2020

li jistabbilixxi l-għeluq tas-sajd għall-alonga tat-Tramuntana fl-Oċeān Atlantiku, fit-Tramuntana ta' 5° N minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Irlanda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgur tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 (²) jistabbilixxi l-kwoti għall-2020.
- (2) Skont it-tagħrif li rċeviet il-Kummissjoni, il-qabdiet tal-istokk tal-alonga tat-Tramuntana li l-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Irlanda jew li huma rreġistrati f'dak il-pajjiż għamlu fl-Oċeān Atlantiku, fit-Tramuntana ta' 5° N eżawrew il-kwota allokata għalihom għall-2020.
- (3) Għalhekk jeħtieġ li jiġu pprojbiti ċerti attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Eżawriment tal-kwota

Il-kwota tas-sajd allokata għall-2020 għall-Irlanda għall-istokk tal-alonga tat-Tramuntana fl-Oċeān Atlantiku, fit-Tramuntana ta' 5° N, imsemmija fl-Anness għandha titqies li hija eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Projbizzjonijiet

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Artikolu 1 minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Irlanda jew li huma rreġistrati f'dak il-pajjiż għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata fl-Anness. B'mod partikulari, għandu jiġi pprojbit li jinżamm abbord il-ħut minn dak l-istokk li jinqabda minn dawk il-bastimenti wara dik id-data, jew li dan il-ħut jiġi rrilokat, ittrażbordat jew li jinħatt l-art.

(¹) ĠUL 343, 22.12.2009, p. 1.

(²) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 tas-27 ta' Jannar 2020 li jistabbilixxi għall-2020 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppji ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmjiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmjiet mhux tal-Unjoni (ĠUL 25, 30.1.2020, p. 1).

*Artikolu 3***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Ottubru 2020.

*Għall-Kummissjoni
F'isem il-President
Virginijus SINKEVIČIUS
Membru tal-Kummissjoni*

ANNESS

Nru	17/TQ123
Stat Membru	L-Irlanda
Stokk	ALB/AN05N
Speċi	Alonga tat-Tramuntana (<i>Thunnus alalunga</i>)
Żona	Ocean Atlantiku, fit-Tramuntana ta' 5° N
Data tal-ġeluq	1-1 ta' Ottubru 2020

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1477

tal-14 ta' Ottubru 2020

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 fir-rigward tal-estensjoni temporanja ta' miżuri eċċezzjonali biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi kkawżaġati mill-pandemija tal-COVID-19

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 tat-18 ta' Jannar 1993 dwar regoli komuni għall-allokazzjoni ta' slots f'ajrporti tal-Komunità ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10a(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-pandemija tal-COVID-19 wasslet għal tnaqqis kbir fit-traffiku tal-ajru bħala riżultat ta' tnaqqis sinifikanti fid-domanda u minħabba miżuri diretti li ttieħdu mill-Istati Membri kif ukoll minn pajjiżi terzi biex jikkontrollaw il-pandemija.
- (2) Dawn iċ-ċirkostanzi huma barra mill-kontroll tat-trasportaturi tal-ajru u l-kanċellazzjonijiet volontarji jew obbligatorji konsegwenti tas-servizzi tal-ajru mit-trasportaturi tal-ajru huma reazzjoni neċċessarja jew leġittima għal dawk iċ-ċirkostanzi.
- (3) Sabiex tiġi protetta s-saħħa finanzjarja tat-trasportaturi tal-ajru u sabiex jiġi evitat l-impatt ambjentali negattiv ta' titjiriet vojta jew fil-maġġoranza tagħhom vojta operati biss biex jinżammu s-slots tal-ajrporti sottostanti, ir-Regolament (UE) 2020/459 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ emenda r-Regolament (KEE) Nru 95/93. Din l-emenda tipprevedi li l-koordinaturi tas-slots għandhom iqisu slots allokat għall-perjodu mill-1 ta' Marzu 2020 sal-24 ta' Ottubru 2020 bħallikieku ġew operati mit-trasportatur tal-ajru li lilu kienu ġew allokat inizjalment.
- (4) Ir-Regolament (UE) 2020/459 ta wkoll setgħat delegati lill-Kummissjoni biex temenda l-perjodu speċifikat fl-Artikolu 10a tar-Regolament (KEE) Nru 95/93 f'każ li, abbażi taċ-ċifri ppubblikati mill-Eurocontrol, li hija l-maniġer tan-network għall-funzjonijiet tan-network tat-traffiku tal-ajru tal-Ajru Uniku Ewropew, il-Kummissjoni ssib li t-tnaqqis fil-livell tat-traffiku tal-ajru meta mqabbel mal-livell fil-perjodu korrispondenti fis-sena preċedenti qed jippersisti u x'aktarx li se jkompli jippersisti, u ssib ukoll li abbażi tal-aħjar *data xjentifika disponibbli*, din is-sitwazzjoni hija r-riżultat tal-impatt tat-tifqigħa ta' COVID-19.
- (5) Skont il-paragrafu 5 tal-Artikolu 10a tar-Regolament (KEE) Nru 95/93, il-Kummissjoni ppreżentat rapport ta' sinteżi dwar din il-kwistjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-15 ta' Settembru 2020, li sab li l-kundizzjonijiet elenkti fil-paragrafu 4 tal-Artikolu 10a biex jiġi emendat il-perjodu speċifikat fil-paragrafu 1 tal-istess artikolu huma ssodisfati.
- (6) Minkejja żieda gradwali, il-livelli tat-traffiku tal-ajru għadhom baxxi meta mqabbla mal-istess perjodu fl-2019 abbażi tad-data tal-Eurocontrol, it-traffiku tal-ajru f'Awwissu 2020 kien għadu mnaqqas b'-47 % meta mqabbel ma' Awwissu 2019. Minkejja d-diffikultajiet fit-tbassir preċiż tal-perkors ta' rkupru tal-livelli tat-traffiku tal-ajru, huwa raġonevoli li wieħed jistenna li s-sitwazzjoni se tippersisti fil-futur qrib. Abbażi ta' xenarju ta' approċċ koordinat tal-Eurocontrol (jekk jiġi preżunt approċċ komuni biex jiġu stabiliti proċeduri operazzjonali u jitneħħew ir-restrizzjonijiet nazzjonali), huwa mistenni li fi Frar 2021, it-traffiku tal-ajru se jkun -15 % anqas meta mqabbel ma' Frar 2020. Għax-xenarju ta' approċċ mhux koordinat (l-ebda approċċ komuni biex jiġu stabiliti proċeduri operazzjonali u jitneħħew ir-restrizzjonijiet nazzjonali), it-tnaqqis fit-traffiku tal-ajru fl-istess perjodu korrispondenti huwa mistenni li jkun -25 %.

⁽¹⁾ ĠU L 14, 22.1.1993, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) 2020/459 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Marzu 2020 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta' slots f'ajrporti tal-Komunità (ĠU L 99, 31.3.2020, p. 1).

- (7) It-tnaqqis persistenti tat-traffiku tal-ajru huwa r-riżultat tal-impatt tal-pandemija tal-COVID-19. Abbażi tad-data disponibbli dwar il-fiduċja tal-konsumaturi b'riżultat tal-COVID-19, filwaqt li f'April 2020 madwar 60 % tar-respondenti indikaw li aktarx jerġgħu lura għall-ivvjäġgar bl-ajru fi żmien fit-xhur wara li tkun battiet il-pandemija, dan il-perċentwal niżel għal 45 % f'Għunju 2020. Id-data disponibbli turi rabta bejn il-pandemija tal-COVID-19 u d-domanda tal-konsumaturi għat-traffiku tal-ajru.
- (8) Id-data tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa turi li l-għadd ta' każijiet irreggistrati kuljum fl-Ewropa kien laħaq l-ogħla livell fl-1 ta' April 2020 bi 43 326 każ-ġdid. Fil-perjodu ta' bejn Mejju u nofs Lulju 2020, ir-rata naqset, u ġeneralment, kuljum kienu jiġu rreġġistrati inqas minn 20 000 każ-ġdid. Madankollu, lejn l-aħħar ta' Awwissu 2020, in-numru reġa' żdied, u f'għadd konsiderevoli ta' jiem ġie rreggistrat aktar minn 30 000 każ-ġdid.
- (9) Ir-rapport ta' sorveljanza ta' kull ġimġha miċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) juri li mis-26 ta' Awwissu 2020, ir-rata ta' notifika ta' każijiet ta' 14-il jum għall-UE/ŻEE u r-Renju Unit kienet ta' 46 (firxa tal-pajjiżi: 2-176) għal kull 100 000 mill-popolazzjoni. Ir-rata ilha tiżidied għal 38 jum. Okkupazzjonijiet fi sptar u/jew fl-ICU u/jew ammissjonijiet ġodda minħabba l-COVID-19 dan l-aħħar żdiedu fil-Bulgarija, fiċ-Ċekja, fil-Greċċa, fil-Polonna, fir-Rumanija u fis-Slovakkja.
- (10) F'Settembru 2020, l-ECDC ikkalkula li r-riskju ta' eskalazzjoni ulterjuri tal-COVID-19 fil-pajjiżi kollha tal-UE jew taż-ŻEE u fir-Renju Unit huwa moderat (għall-pajjiżi li jkomplu jimplimentaw u jinfurzaw miżuri multipli, inkluż tbegħid fiżiku u li għandhom kapaċità suffiċċenti ta' traċċar u ta' ttestjar tal-kuntatti) u għoli ħafna (għall-pajjiżi li ma jimplimentawx jew ma jinfurzawx miżuri multipli, inkluż it-tbegħid fiżiku u ma għandhomx biżżejjed kapaċità ta' traċċar u ttestjar tal-kuntatti).
- (11) Ir-restrizzjonijiet fuq it-titjiriet introdotti minn xi Stati Membri, bħala riżultat tal-miżuri sanitari u tas-saħħa relatati mal-COVID-19, jinfluenzaw ukoll il-fiduċja tal-konsumaturi u d-domanda li tirriżulta għat-traffiku tal-ajru. Filwaqt li l-għadd ta' tali restrizzjonijiet fuq it-titjiriet naqas fil-bidu tas-sajf tal-2020, xi Stati Membri introduċew restrizzjonijiet ġodda fuq it-titjiriet minn Settembru 2020. Dawn jikkoinċidu maż-żieda mill-ġdid ta' każijiet COVID-19 f'għadd ta' Stati Membri.
- (12) Fid-dawl tal-prenotazzjonijiet tat-titjiriet eżistenti u t-tbassir epidemjoloġiku, wieħed jista' raġonevolment jistenna li jkun hemm għadd sinifikanti ta' kanċellazzjonijiet attribwibbli għall-pandemija tal-COVID-19 matul l-istaġġun ta' skedar tax-xitwa li jmiss mill-25 ta' Ottubru 2020 sas-27 ta' Marzu 2021. In-nuqqas ta' użu tas-slots allokat għal-dak il-perjodu ma għandux iwassal biex it-trasportaturi tal-ajru jitilfu l-possibbiltajiet li kieku jgawdu skont l-Artikolu 8(2) u 10(2) tar-Regolament (KEE) Nru 95/93.
- (13) Huwa għalhekk meħtieġ li tiġi estiża l-eċċeżżjoni mir-rekwiżit li hemm f'dawk id-dispożizzjonijiet, li s-serje ta' slots inkwistjoni tkun tħaddmet, sa ġertu punt, lil hinn mill-istaġġun ta' skedar tas-sajf tal-2020 sal-istaġġun kollu tal-iskedar tax-xitwa tal-2020/2021, jiġifieri għall-perjodu mill-25 ta' Ottubru 2020 sas-27 ta' Marzu 2021.
- (14) Huwa previst li dan ir-Regolament delegat jidħol fis-seħħ wara tniem il-perjodu attwalment previst fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 10a tar-Regolament (KEE) Nru 95/93. Biex tiġi evitata l-inċerċezza legali, b'mod partikolari għall-koordinaturi tas-slots u għall-operaturi tal-ajru, jenħtieġ li dan ir-Regolament jiġi adottat skont il-proċedura ta' urġenza spjegata fid-dettall fl-Artikolu 12b tar-Regolament dwar is-Slots, u jenħtieġ li jidħol fis-seħħ b'urġenza fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 10a(1) tar-Regolament (KEE) Nru 95/93 huwa sostitwit b'dan li ġej:

- Għall-finijiet tal-Artikoli 8(2) u 10(2), il-koordinaturi għandhom iqisu s-slots allokat għall-perjodu mill-1 ta' Marzu 2020 sas-27 ta' Marzu 2021 bħallikieku ġew operati mit-trasportatur tal-ajru li lilu jkunu ġew allokat inizjalment.”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Ottubru 2020.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1478

tal-14 ta' Ottubru 2020

li jemenda r-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2015/1375 fir-rigward tal-kampjunar, il- metodu ta' skoperta ta' referenza u l-kundizzjonijiet tal-importazzjoni fir-rigward tal-kontroll għat-Trichinella

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli ufficijal u attivitajiet uffiċjal oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-sahħha u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-sahħha tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Ufficijal) (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 18(8)(a) tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-ikel u l-Għalf,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2017/625 jistabbilixxi regoli għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjal u ġhal azzjoni li trid tittieħed mill-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-produzzjoni ta' prodotti li jorigiaw mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem.
- (2) It-Trichinella hija parassita li tista' tkun preżenti fil-laħam ta' speċijiet suxxettibbi bħall-ħnieżer u lill-bnedmin tikkawżalhom mard li ġej mill-ikel meta jikkunsmaw laħam infettat. Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1375 (²) jistabbilixxi regoli speċifiki dwar kontrolli uffiċjal għat-Trichinella fil-laħam, inkluż l-eżami fil-laboratorju ta' kampjuni tal-laħam tal-ħnieżer tal-qatla kollha.
- (3) Waqt l-istennija għar-riżultat tal-eżami tat-Trichinella, il-karkassi jistgħu jitqattgħu f'massimu ta' sitt partijiet f'ċerti kundizzjonijiet. Għall-produzzjoni ta' ċerti prodotti speċifiki li ġejjin minn majjali domestiċi, it-tqattiq għal-karkassi meta jkunu għadhom sħan fiktar partijiet huwa meħtieġ qabel ma jkun disponibbli r-riżultat tal-eżami tat-Trichinella. Għalhekk, għal prodotti speċifiki bħal dawn, jenħtieġ li t-tqattiq fiktar partijiet ikun permess diment li tiġi żgurata s-sikurezza tal-laħam.
- (4) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2015/1375 jipprevedi deroga mill-eżami tat-Trichinella mad-dħul fl-Unjoni meta l-ħnieżer ikunu ġejjin minn azjendi li jkunu uffiċjalment ħielsa mit-Trichinella u li jaapplikaw kundizzjonijiet ikk-kontrollati ta' sistemazzjoni. Pajjiż terz jista' jaapplika din id-deroga biss jekk ikun informa lill-Kummissjoni bl-applikazzjoni ta' tali deroga u jekk tkun għiet elenkata għal dak l-iskop mill-Kummissjoni.

(¹) ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.

(²) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1375 tal-10 ta' Awwissu 2015 li jistabbilixxi regoli speċifiki dwar kontrolli uffiċjal għat-Trichinella fil-laħam (ĠU L 212, 11.8.2015, p. 7).

- (5) F'dan ir-rigward, l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2015/1375 jirreferi għall-pajjiżi terzi elenkati fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010 (³) u fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE (⁴). Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 (⁵) iħassar ir-Regolament (UE) Nru 206/2010 u d-Deċiżjoni 2007/777/KE b'effett mill-21 ta' April 2021. Għalhekk, u għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni, jenħtieġ li l-possibbiltà li jiġu stabbiliti listi ta' pajjiżi terzi li jaapplikaw id-derogi dwar it-Trichinella tiġi prevista direttament fdak ir-Regolament ta' Implantazzjoni.
- (6) L-Artikolu 126(2)(c) tar-Regolament (UE) 2017/625 u l-Artikolu 13 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625 (⁶) jirrikjedu li l-kunsinni ta' ċerti annimali u oggettij ġenhtieġ li jkunu akkumpanjati minn ċertifikat uffiċjali li jiżgura li l-annimali u l-oġġetti jikkonformaw mar-rekwiżiti rilevanti stabbiliti mir-regoli msemija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2017/625. Għalhekk, l-Artikolu 14 tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) 2015/1375, li jirrikjedi li attestazzjoni dwar l-eżami għat-Trichinella jew dwar l-istatus tal-azjenda fir-rigward tat-Trichinella tiddaħħal fiċ-ċertifikati uffiċjali għall-kummerċ intra-Unjoni ta' majjali domestiċi ħajjin u għad-dħul fl-Unjoni ta' tali majjali u tal-laħam tagħhom, sar superfluu u għaldaqstant jenħtieġ li jitħassar.
- (7) Il-Kapitolu I tal-Anness I tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) 2015/1375 jistabbilixxi metodu ta' skoperta ta' referenza tat-Trichinella fkampjuni miġbura minn karkassi ta' majjali domestiċi. Fl-2015, l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni adottat l-istandard globali ISO 18743:2015 li jispeċifika metodu għall-iskoperta tal-larva tal-ispeċċijiet tat-Trichinella fl-istadju tal-muskoli fil-laħam ta' karkassi individwali tal-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem. Il-metodu ta' skoperta ta' referenza tat-Trichinella, stabbilit fir-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) 2015/1375 huwa konformi mar-rekwiżiti tal-ISO 18743:2015.
- (8) Għalhekk jixraq li l-metodu ta' referenza fir-Regolament (UE) 2015/1375 jiġi sostitwit bl-ISO 18743:2015 sabiex il-metodu ta' referenza tal-Unjoni jkun konformi ma' dan l-istandard globali. Dan se jiffaċilita l-esportazzjoni tal-laħam tal-majjal mill-Unjoni, mingħajr ma joħloq rekwiżiti jew piż addizzjonali għal-laboratorji Ewropej li jużaw il-metodi ta' referenza għall-kontrolli uffiċjali.
- (9) Peress li r-Regolament (UE) Nru 206/2010 u d-Deċiżjoni 2007/777/KE jitħassru biss mill-20 ta' April 2021, jenħtieġ li l-emenda dwar l-elenkar ta' pajjiżi terzi u l-mudelli taċ-ċertifikati tapplika biss minn dik id-data.
- (10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma fkonformità mal-opinjoni tal-Kunitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) 2015/1375 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 2, jitħassar it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3.
- (2) Fl-Artikolu 3, jiddaħħal il-paragrafu 5 li ġej:

"5 B'deroga mill-Artikolu 2(3) u wara l-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti:

- (a) il-karkassi jistgħu jitqattgħu f'impjant tat-tqattiġi mgħaqqa mal-biċċerija jew separat minnha diment li:
- (i) il-proċedura tkun approvata mill-awtorità kompetenti;
 - (ii) karkassa jew il-partijiet minnha ma jkollhomx iktar minn impjant wieħed tat-tqattiġi bħala destinazzjoni tagħhom;

(³) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010 tat-12 ta' Marzu 2010 li jistabbilixxi listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew partijiet minnhom awtorizzati għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' annimali partikulari u laħam frisk u r-rekwiżiti relatati maċ-ċertifikazzjoni veterinarja (ĠU L 73, 20.3.2010, p. 1).

(⁴) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE tad-29 ta' Novembru 2007 li tistipula l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika kif ukoll il-mudelli taċ-ċertifikati għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tal-laħam u tal-istonku, il-bżieżaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati għall-konsum mill-bniedem minn pajjiżi terzi u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2005/432/KE (ĠU L 312, 30.11.2007, p. 49).

(⁵) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti li jorġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379).

(⁶) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625 tal-4 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti annimali u oggettij maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 18).

- (iii) l-impjant tat-tqattigħ ikun jinsab fit-territorju tal-Istat Membru; u
- (iv) fil-każ ta' riżultat pożittiv il-partijiet kollha jkunu ddikjarati mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem;
- (b) karkassi li jkunu ġejjin minn majjali domestiċi jkunu jistgħu jitqattgħu fiktar partijiet f'impjant tat-tqattigħ fl-istess bini jew mgħaqqa mal-biċċerija diment li:
 - (i) il-proċedura tkun approvata mill-awtoritā kompetenti;
 - (ii) it-tqattigħ tal-karkassi meta jkunu għadhom sħan ikun meħtieġ għall-produzzjoni ta' prodotti speċifiċi;
 - (iii) fil-każ ta' riżultat pożittiv il-partijiet kollha jkunu ddikjarati mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem."
- (3) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:
- (a) l-ewwel subparagraphu tal-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-karkassi kif imsemmija fl-Artikolu 2 jew partijiet minnhom, ħlief għal dawk imsemmija fl-Artikolu 3(5), ma jistgħux jinħarġu mill-bini, qabel ma r-riżultat tal-eżami tat-Trichinella jirriżulta negattiv."
- (b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Meta jkun hemm proċedura fis-seħħ fil-biċċerija biex tiżgura li l-ebda parti tal-karkassi eżaminati ma titlaq mill-post qabel mar-riżultat tal-eżami tat-Trichinella joħroġ negattiv u l-proċedura tkun approvata b'mod formal i mill-awtoritā kompetenti jew meta tapplika d-deroga prevista fl-Artikolu 3(5), il-marka tas-saħħa prevista fl-Artikolu 18(4) tar-Regolament (UE) 2017/625 tista' tiġi applikata qabel ma r-riżultati tal-eżami tat-Trichinella jkunu disponibbli."
- (4) Fl-Artikolu 13, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-pajjiżi terzi elenkti fl-Anness VII biss jistgħu japplikaw id-derogi previsti fl-Artikolu 3(2) u (3) wara li jkunu infurmaw lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' dawk id-derogī"
- (5) L-Artikolu 14 jitħassar.
- (6) Fl-Anness I, il-Kapitolu I huwa sostitwit b'dan li ġej:

"KAPITOLU I

METODU TA' SKOPERTA TA' REFERENZA

Il-metodu ta' skoperta ta' referenza għall-eżami ta' kampjuni għat-Trichinella huwa ISO 18743:2015."

- (7) Jiddaħħal l-Anness VII li ġej:

"ANNESS VII

Pajjiżi terzi li japplikaw id-deroga msemmija fl-Artikolu 13(2)"

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikkazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

L-Artikolu 1(4), (5) u (7) għandu japplika mill-21 ta' April 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Ottubru 2020.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

DEĊIJONIJIET

DEĊIJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1479

tal-14 ta' Ottubru 2020

**li tistabbilixxi listi ta' priorità għall-iżvilupp ta' kodiċijiet tan-network u ta' linji gwida għall-elettriku
għall-perjodu mill-2020 sal-2023 u għall-gass fl-2020**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks ta' trażmissjoni tal-gass naturali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1775/2005 (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħi,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar is-suq internat għall-elettriku (²), u b'mod partikulari l-Artikolu 59(3) tiegħi,

Billi:

- (1) L-iżvilupp u l-implementazzjoni tal-kodiċijiet tan-network u tal-linji gwida huma essenziali sabiex ikun hemm suq intern tal-enerġija integrat għalkollox. Ir-regoli tas-suq intern tal-elettriku u l-gass joħolqu struttura istituzzjonali għall-iżvilupp ta' kodiċijiet tan-network. Din l-istruttura istituzzjonali reċentement tjiebet permezz tad-Disinn il-ġdid tas-Suq tal-Elettriku, b'mod partikolari bl-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2019/943 bħala parti mill-Pakkett dwar l-Enerġja Nadifa għall-Ewropej kollha (³). Għal dan l-iskop, l-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġja ("ACER"), in-Networks Ewropew tal-Operaturi tas-Sistemi tat-trażmissjoni ("ENTSOs"), l-entità Ewropea għall-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni ("Enitità EU DSO") u l-Kummissjoni jaħdmu b'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha.
- (2) L-oqsma li fihom jistgħu jiġu żviluppati l-kodiċijiet tan-network huma stabbiliti fl-Artikolu 59(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2019/943 u fl-Artikolu 8(6) tar-Regolament (KE) Nru 715/2009. Minbarra l-possibbiltà li jiġu żviluppati kodiċijiet tan-network, il-Kummissjoni tista' tiżviluppa linji gwida fuq inizjattiva tagħha stess. L-oqsma li fihom jistgħu jiġi żviluppati l-linji gwida huma stabbiliti fl-Artikolu 61(2) tar-Regolament (UE) 2019/943 u fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament (KE) Nru 715/2009. Fkonformità mal-Artikolu 59(3) tar-Regolament (UE) 2019/943 u mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 715/2009, il-Kummissjoni l-ewwel trid tistabbilixxi listi ta' priorità sabiex jiġi identifikati l-oqsma li jridu jiġi inklużi fl-iżvilupp tal-kodiċijiet tan-network. Il-listi ta' priorità għandhom jiġi stabbiliti kull tliet snin għas-settur tal-elettriku u kull sena għas-settur tal-gass.
- (3) Il-Kummissjoni digħi adottat regoli armonizzati tal-elettriku dwar l-allokazzjoni tal-kapaċità u l-ġestjoni tal-konġestjoni, il-konnessjoni tal-ġeneraturi, il-konnessjoni tad-domanda, il-kurrent dirett b'vultaġġ għoli, l-allokazzjoni bil-quddiem tal-kapaċità, it-tħaddim tas-sistema, ir-rekwiżiti u l-proċeduri ta' emerġenza u ta' restawr, u l-ibbilanċjar.
- (4) Barra minn hekk, rigward il-gass ġew adottati regoli armonizzati dwar il-proċeduri ta' ġestjoni tal-konġestjoni, dwar l-allokazzjoni tal-kapaċità, l-ibbilanċjar, l-interoperabbiltà u l-iskambju ta' data, u ma' dawn ġew adottati wkoll strutturi tariffarji armonizzati b'rabta mat-trażmissjoni.
- (5) Fil-konsultazzjoni mmirata tal-partijiet ikkonċernati (⁴), il-maġġoranza tal-partijiet ikkonċernati appoġġaw l-iżvilupp ta' regoli armonizzati tal-elettriku fir-rigward taċ-ċibersigurtà u fir-rigward tal-flessibbiltà min-naħħa tad-domanda. Rigward il-gass, il-partijiet ikkonċernati appoġġaw il-prioritazzjoni tal-ħidma li digħi nbdiet u enfasizzaw l-importanza ta' implementazzjoni xierqa u koordinata tajjeb tal-kodiċijiet tan-network u tal-linji gwida.

(¹) ĠU L 211, 14.8.2009, p. 36.

(²) ĠU L 158, 14.6.2019, p. 54.

(³) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kunitat Ekonomiku u Soċċali Ewropew, lill-Kunitat tar-Reġjuni u lill-Bank tal-Investiment Ewropew — Clean Energy For All Europeans (COM(2016) 860 final).

(⁴) It-tweġġibet huma ppublikati fis-sit web: https://ec.europa.eu/energy/consultations/consultation-establish-priority-list-network-codes_en

- (6) Filwaqt li jiġu rikonoxxuti r-reazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati u jiġu kkunsidrati l-isfidi l-ġodda fir-rigward taċ-ċibersigurtà kif ukoll il-ħtieġa ta' suq flessibbli trasparenti u mhux diskriminatorju, il-lista ta' prioritāt għall-elettriku għall-2020–2023 tinkludi regoli armonizzati dwar iċ-ċibersigurtà u dwar il-flessibbiltà min-naħa tad-domanda.
- (7) Barra minn hekk, waqt li jiġu rikonoxxuti r-reazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati u filwaqt li titqies l-implimentazzjoni kontinwa tar-regoli eżistenti dwar il-gass, ma ġie identifikat l-ebda qasam ġdid għall-iżvilupp ta' kodiċijiet tan-network u ta' linji gwida għall-gass għall-2020,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIJONI:

Artikolu 1

Il-lista ta' prioritāt għall-iżvilupp ta' regoli armonizzati dwar l-elettriku għall-perjodu mill-2020 sal-2023 għandha tkun din li ġejja:

- (a) regoli speċifiċi għas-settur dwar l-aspetti taċ-ċibersigurtà għall-flussi transkonfinali tal-elettriku, inklużi regoli dwar rekwiżiti minimi komuni, l-ippjanar, il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-ġestjoni tal-kriżijiet;
- (b) regoli li jirrigwardaw il-flessibbiltà min-naħa tad-domanda, inklużi regoli dwar ir-regoli dwar l-aggregazzjoni, il-ħażin tal-enerġija u t-tnaqqis tad-domanda.

Artikolu 2

Ma ġew identifikati l-ebda oqsma ġodda għall-iżvilupp ta' kodiċijiet tan-network u linji gwida għall-gass fl-2020.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-publikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Ottubru 2020.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

RETTIFIKA

Rettifika tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/653 tat-8 ta' Marzu 2017 li jiissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar dokumenti bl-informazzjoni ewlenija għal prodotti aggregati ta' investimenti għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni (PRIIPs) billi jistabbilixxi standards tekniċi regolatorji dwar il-preżentazzjoni, il-kontenut, ir-rieżami u r-reviżjoni tad-dokumenti bl-informazzjoni ewlenija u l-kundizzjonijiet biex jiġi ssodisfat ir-rekwiżit li jiġu pprovduti dawn id-dokumenti

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 100 tat-12 ta' April 2017)

F'paġna 16, fl-Anness II, il-punt 12, l-ewwel sentenza,

minflok: "f{return space}",

aqra: "fi spazju tar-redditu";

F'paġna 17, fl-Anness II, il-punt 13, kif rettifikat fil-paġna 31 tal-ĠU L 120 tal-11 ta' Mejju 2017, il-formula tinbidel b'dan li ġej:

$$\text{"} VEV = \frac{\left\{ \sqrt{(3,842 - 2 * VaR_{SPAZJU TAR-REDDITU})} - 1,96 \right\}}{\sqrt{T}} \text{";}$$

F'paġna 17, fl-Anness II, il-punt 16, l-ewwel sentenza,

minflok: "fil-price space",

aqra: "fl-ispazju tal-prezzijiet".

F'paġna 17, fl-Anness II, il-punt 17, kif rettifikat fil-paġna 31 tal-ĠU L 120 tal-11 ta' Mejju 2017, il-formula tinbidel b'dan li ġej:

$$\text{"} VEV = \left\{ \sqrt{(3,842 - 2 * In(VaR_{SPAZJU TAL-PREZZIJIET}))} - 1,96 \right\} / \sqrt{T} \text{".}$$

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Ufficċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT